# Kunsill Lokali Ħal Balzan

# <u>Rapport Annwali Amministrattiv</u>

## JANNAR - DIĊEMBRU 2018

## It-Tmien Kunsill Lokali 2015 - 2019

Werrej


| | |
|---|---|
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **L-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | **10** |

## 1.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' żewġ impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

**Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fit-Tmien Kunsill**

**Sindku Nutar Ian Spiteri**
Infrastruttura, Maniġġjar tat-traffiku, Sport u Attivitajiet

**Viċi Sindku Andre` Grech**
Fondi Ewropej, Għaqdiet Volontarji, Entitajiet Kummerċjali u Forum Professjonalisti

**Kunsillier Daniel Muscat Caruana**
Żgħażagħ, Kultura u Pubblikazzjonijiet

**Kunsillier Desmond Zammit Marmara`**
Anzjani u Edukazzjoni

**Kunsillier Joe Galea**
Ambejnt u Manutenzjoni tat-toroq

## 1.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Diċembru 2018 fit-tmien leġislatura inżammu ħmistax (15) -il laqgħa tal-Kunsill, u l-attendenza kienet hekk :

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Nut. Ian Spiteri | 15 | 14 | 1 | - | 93 |
| 2 | Andre` Grech | 15 | 14 | 1 | - | 93 |
| 3 | Daniel Muscat Caruana | 15 | 14 | 1 | - | 93 |
| 4 | Desmond Zammit Marmara` | 15 | 15 | - | - | 100 |
| 5 | Joe Galea | 15 | 15 | - | - | 100 |

## 1.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta bħas-snin ta' qabel hekk:

| | |
|---|---|
| Doriette Farrugia | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Mariella Casha | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Lawrence Pace | Skrivan |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Hector Camilleri | RSSL |
| Martin Fenech | RSSL |
| Anthony Bray | Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF) |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Abigail Critien |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit Anthony Bezzina |

Dawn in-nies huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem f'ħidmietu. Inħossni kburija li għandi dan it-*team* sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita'kollha.

## 2.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

**ID-DĦUL**

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni Annwali għas-sena 2018 kienet ta': | €288,968 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | 0 |
| Dħul ieħor Supplimentari | €18,010 |

**Dħul minn Kontravenzjonijiet ta' €2,232:**

| | |
|---|---|
| Dħul minn LES *administration fees* | €2,232 |
| LESA Distribution | 0 |

**Dħul Ġenerali ta' €30,030:**

| | |
|---|---|
| Dokumenti tat-Tenders | 0 |
| Permessi | €22,875 |
| Ħarġiet Anzjani | €2,006 |
| *GreenPak LC Awards* 2016 | €1,035 |
| Refużjoni għas-servizz tal-ġbir tal-iskart organiku | €4,050 |
| Dħul ieħor ġenerali | €64 |

| | |
|---|---|
| **Id-Dħul totali għas-sena 2018 kien ta':** | **€339,240** |

## L-INFIEQ

**Infiq relatat ma' *Operations and Maintenance* ammonta €137,526 li jinkludu:**

**1. Is-Salarji b'total ta' €80,656 kienu mqassma hekk:**

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku | €7,464 |
| *Allowance* tal-Kunsilliera | €6,400 |
| Salarju tas-Segretarju Eżekuttiv | €29,793 |
| Salarji tal-Impjegati | €31,838 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali | €5,161 |

**2. Tiswijiet u Manutenzjoni b'total ta' €22,866:**

| | |
|---|---|
| *Public Property* | €15,340 |
| Sinjali u Tabelli tat-Traffiku | €2,456 |
| Marki tat-Traffiku | €1,577 |
| *Other Repairs & Upkeep* | €3,513 |

**3. Spejjeż għas-Servizzi b'kuntratt b'total ta' €114,640:**

| | |
|---|---|
| Ġbir ta' Skart | €30,445 |
| *Tipping Fees* | €34,934 |
| Ġbir ta' Skart Goff | €4,765 |
| Kiri ta' *Skips* | €189 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | €33,184 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika | €3,550 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-*Parks & Gardens* | €3,027 |
| Tiswijiet u manutenzjoni tad-dwal tat-toroq | €2,869 |
| Oħrajn | €1,677 |

**Amministrazzjoni u Spejjeż oħra laħħqu total ta' €88,669:**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon, internet, etc | €6,958 |
| Xiri ta' materjal (*Materials & Supplies*) | €702 |
| Kera | €10,175 |
| *Memberships* | €648 |
| Spejjeż għat-tmexxija tal-uffiċċju | €3,197 |

| | |
|---|---|
| *Leasing* tal-vann u l-*fuel* | €6,306 |
| Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku | €232 |
| Assigurazzjoni tal-Assi | €1,459 |
| *Bank Charges* | €218 |
| Servizzi Professjonali | €14,612 |
| Taħriġ | €207 |
| *Community Services* u Attivitajiet li jinkludu spejjeż relatati mal-ħarġiet għall-anzjani | €6,924 |
| *Local Enforcement Expenses* | €87 |
| Spejjeż oħra varji | 0 |
| *Assets write-off* | 0 |
| *Depriciation* | €38,621 |
| **L-Infiq totali għas-sena 2018 kien:** | **€306,851** |

## 2.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart oganiku**
Din is-sena, mill-31 ta' Ottubru 2018, beda jinġabar l-iskart Organiku. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta` Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa.

**Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda)**
Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda), mill-31 ta' Ottubru 2018, qed isir nhar ta' Ħamis u Sibt. Il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Ambjent u l-Bidla fil-Klima sabiex il-borża s-sewda tibda tinġabar nhar ta' Tnejn ukoll. Dan ma jistax isir qabel ma ssir l-emenda tal-iskeda fil-Liġi.

**Ġbir ta' skart separat**
Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart separat mill-kumpanija GreenPak. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tlieta.

**Ġbir ta' ħġieġ**
Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, jinġabar ukoll il-ħġieġ bieb bieb mill-kumpanija GreenPak.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Dan is-servizz qed jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntattja l-Kunsill biex jagħmel appuntament. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalita'tinżamm fi stat nadif. Kull triq fil-lokal qed tinkines darbtejn fil-ġimgħa. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun ta' spiss.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Sar ukoll manutenzjoni tal- bankini fejn kien meħtieġ.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-*Handyman* li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq.

***Tenders***

Matul is-sena il-Kunsill ħareġ 3 *Tenders:*
- *Leasing of a light duty vehicle with low emissions*
- *Collection of Bulky Refuse*
- *Professional Services of an Architect and Cicil Engineer*

**Ħarġiet għall-Anzjani**

Matul din is-sena, ġew organizzati 6 ħarġiet għall-anzjani biex jgħinu lill-anzjani jissoċjalizzaw. Il-ħarġiet kienu jikkonsistu fi żjarat f'għadd ta' postijiet storiċi u wara jattendu għal tè/kafè fost affarijiet oħra. Il-ħarġiet huma popolari ħafna u jkunu mistennijja b'entużjażmu. Dawn il-ħarġiet huma ssussidjati mill-Kunsill.

**Vaċċin tal-Influwenza**

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill ipprovda s-servizz li jamministra l-vaċċin tal-influwenza. Ir-residenti ta' Ħal Balzan li għandhom iktar minn 55 sena ngħataw il-possibbilta' li jirċievu l-vaċċin kontra l-influwenza mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-vaċċin ingħata lil 187 persuna, nhar il-Ħamis, 25 ta' Ottubru 2018. Dawn is-servizz kien bla ħlas.

**Ġieħ Ħal Balzan u Inawgurazzjoni uffiċċjali tal-Uffiċċju Amministrattiv ġdid f'Jum Ħal Balzan**

Jum Ħal Balzan ġie ċċelebrat il-Ħadd, 16 ta' Settembru 2018. Fl-istess ġurnata kien hemm l-għotja tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan kif ukoll l-Inawgurazzjoni uffiċċjali tal-Uffiċċju Amministrattiv ġdid tal-Kunsill. Għal din l-attivita` kien hemm preżenti l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta u l-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju ta' Malta.

Iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jikkonsistu f'Quddiesa għall-okkażjoni li saret fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, tlugħ tal-bandiera ta' Ħal Balzan quddiem l-uffiċċju, l-Inawgurazzjoni tal-uffiċċju amministrattiv, il-preżentazzjoni tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan u riċeviment għand *Carolina's.*

Il-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan din is-sena ingħata lill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta u l-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju ta' Malta.

***European Week for Waste Reduction***

Matul il-*European Week for Waste Reduction,* il-Kunsill organizza *Clean-up Day* bil-kollaborazzjoni tal-iskola Primarja Lija/Balzan/Iklin, fejn l-istudenti qassmu fuljetti ta'

informazzjoni dwar is-separazzjoni tal-iskart li diversi persuni li kienu għaddejjin mill-pjazza u naddfu ż-żona tar-*roundabout* ta` Triq l-Għerusija. Din l-attivita' saret l-Erbgħa, 21 ta' Ottubru 2018.

*Clean-up Day* oħra kellha ssir il-Ħadd, 25 ta' Ottubru 2018, bil-kollaborazzjoni tal-impjegati tal-HSBC *(Balzan Branch),* sfortunatament ġiet imħassra minħabba lit-temp ma kienx jippermetti.

**Tiżjin ta' toroq bid-dwal tal-Milied**

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena il-Kunsill reġgħa ħaseb biex fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, jiżżejnu u jinxtegħlu xi toroq b'dawl dekorattiv.

**Attivita' tal-Milied**

Din is-sena għall-ewwel darba ġiet organizzata serata ta' kant u żfin għal żmien il-Milied. Dan l-attivita' saret nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018 fis-Sala Aurora.

## 2.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar u joħroġ aktar l-involviment f'dan il-qasam, bil-parteċipazzjoni tal-istess kunsilliera.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera `l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċċittadin tal-lokalita'.

## 2.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

**L-Uffiċċju Amministrattiv**

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali dwar il-Kunsilli Lokali, permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li jinħarġu minn żmien għal żmien, li jara lid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

### Impjegati tal-Kunsill

Matul din is-sena kien hemm żieda qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibbli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha tal-ħidma li jwettqu. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Balzan, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali Ħal Balzan qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 2.5 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għas-sena 2018. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri, tas-sapport u l-impenn sħiħ tiegħu u lill-Kunsilliera tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut lejn ir-residenti u l-lokalita'. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbilta' u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**IFFIRMAT**

_________________________

Doriette Farrugia
**Segretarju Eżekuttiv**

## 3.1 L-ISKEDA TAD-DĦUL U L-INFIQ

| | 2018 | 2017 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **Funds received from Central Government** | **306,978** | 295,516 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | **2,232** | 6,805 |
| **General Income** | **30,030** | 12,546 |
| | **339,240** | 314,867 |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | **(80,656)** | (78,204) |
| Operations and Maintenance | **(137,526)** | (124,517) |
| Administration and Other Expenditure | **(88,669)** | (131,752) |
| | **(306,851)** | (334,473) |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **32,389** | (19,606) |

## 3.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | **2018** | **2017** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **Government Income** | | |
| In terms of section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **288,968** | 277,092 |
| Other Government Income | **0** | 6,037 |
| Other Supplementary Government Income | **18,010** | 12,387 |
| | **306,978** | 295,516 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | | |
| Income from LES administration fees | **2,232** | 2,778 |
| LESA Distribution to Council | **0** | 4,027 |
| | **2,232** | 6,805 |
| **General Income** | | |
| Income from tender documents | **0** | 100 |
| Income from permits | **22,875** | 10,168 |
| Sundry contributions & donations | **7,155** | 2,278 |
| | **30,030** | 12,546 |
| **Total Revenue** | **339,240** | 314,867 |

## 3.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Personal Emoluments** | **2018** | **2017** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Personal Emoluments include, inter alia : | | |
| Mayor's Allowance | **7,464** | 7,345 |
| Executive Secretary's Salary and Allowances | **29,793** | 29,243 |
| Employees' Salaries | **31,838** | 30,398 |
| Social Security Contributions | **5,161** | 4,958 |
| Councillors' Allowance | **6,400** | 6,260 |
| | **80,656** | 78,204 |

| **Operations and Maintenance** | **2018** | **2017** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **Repairs and Upkeep:** | | |
| Signs | **2,456** | 1,063 |
| Public Property | **15,340** | 15,685 |
| Road Markings | **1,577** | 3,653 |
| Other Repairs and Upkeep | **3,513** | 6,044 |
| | **22,886** | 26,445 |
| **Contractual Services:** | | |
| Refuse Collection | **65,379** | 60,291 |
| Bulky Refuse Collection | **4,765** | 3,464 |
| Road and Street Cleaning | **33,184** | 22,905 |
| Cleaning and Maintenance - Public Conveniences | **3,550** | 3,333 |
| Cleaning and Maintenance - Parks and Gardens | **3,027** | 2,587 |
| Street Lighting | **2,869** | 3,476 |
| Other | **1,866** | 2,016 |
| | **114,640** | 98,072 |
| | **137,526** | 124,517 |

| **Administration and Other Expenditure** | **2018** | **2017** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Utilities | **6,958** | 3,503 |
| Materials & supplies | **702** | 1,154 |
| Rent | **10,175** | 10,833 |
| Memberships | **648** | 100 |
| Office Services | **3,197** | 3,289 |
| Transport | **6,306** | 6,374 |
| Information Services | **232** | 1,449 |
| Professional Services | **14,612** | 18,891 |
| Training | **207** | 0 |
| Community Services & Events | **6,924** | 12,567 |
| Local Enforcement Expenses | **87** | 71 |
| Sundry Expenses | **0** | 18 |
| Assets Write-off | **0** | 3,450 |
| Depreciation | **38,621** | 70,053 |
| | **88,669** | 131,752 |